MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 850/2008

**L-Avukati Dottor Melvyn Mifsud dentatur tal-Karta tal-Identita numru 605761 ittra "M", bhala mandatarji specjali ghan-nom f'isem u in rappresentanza tas-socjeta' estera, PARFUMS CHRISTIAN DIOR, socjeta` anoonyme of 33, Avenue Hoche 75008 PARIS, France.**

**vs.**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b' digriet tal-25 ta' Settembru 2008 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrappresentaw lis-socjeta` jew ditta AL ROWAD SHIPPING AGENCY, BENGHAZI, LIBJA.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ l-Avukati Dottor Melvyn Mifsud bhala mandatarji specjali tas-socjeta’ estera PARFUMS CHRISTIAN DIOR datat 21 ta’ Awwissu 2008 a fol. 1 tal-process fejn bil-gurament tieghu jesponi:-

Illi l-Avukat Dottor Melvyn Mifsud jirrapprezenta lis-socjeta` estera Franciza PARFUMS CHRISTIAN DIOR, bhalma jirrizulta mill-prokura, vera kopja. (Dok.“A”);

Illi s-socjeta` attrici estera hija maghrufa sew fid-dinja, inkluz gewwa Malta, *inter alia* in konnessjoni ma’ diversi prodotti varji. Kif jirrizulta mid-dokument “B”, fosthom prodotti ta’ perfumerija, zjut essenzjali, kosmetici, sapun, prodotti tax-xaghar u tas-snien, u wkoll bhala proprjetarja` ta’ diversi marki (*trademarks*), imsemmija li jkopru dan in-negozju vast taghha;

Illi b’hila, b’invenzjoni kif ukoll b’hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti tghha, is-socjeta` attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fis-suq barrani u kif ukoll fis-suq Malti, in konnessjoni mal-marki (*trademarks*) taghha;

Illi in partikolalri, s-socjeta` attrici ghandha rrgistrata f’ Malta l-marka (*trademark*) bin-numru tar-registrazzjoni 29989, bl-isem J’ADORE, Dokument “B”, u dan dwar sapun, perfumerija, kosmetici, *shampoo, hair lotion*, u hwejjeg ohra simili, kif fuq deskritt, fost ohrajn li jaqghu fi klassi tlieta (3) tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta’ Prodotti u Servizzi taht in-*Nice Agreement Concerning the International Classification of Goods and Services for the Purposes of the registration of Marks*;

Illi dwar dawn l-oggetti (fost ohrajn), is-socjeta` attrici hija *detentrici ta’ dritt* ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet relevanti tal-**Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)** (**Kapitolu 414 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta**, biex b’ hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija taht dik l-istess ligi, fl-**artikolu 2 (1) (a) (1), 4** u **8 (1)** taghha;

Illi ricentement waqt il-verifiki u skrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artikolu 4** tal-istess **Kapitolu 414** hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issospenda r-rilaxx tal-*container* IRSU 2560747, instabu diversi prodotti, konsistenti *inter alia* f' mija u sitt (106) kaxxa b'mitejn tmienja u tmenin (288) oggett ta' kosmetika kull kaxxa – total ta' tletin elf hames mija u tmienja u ghoxrin (30,528) li fihom il-Kelma J'ADORE, liema prodotti waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana in transit ghax-rilaxx eventwali favur - *consignee/*importatrici ndikata fuq l-istess *Bill of Loading*, bhala AL ROWAD SHIPPING AGENCY kopja tal-istess *Bill of Lading* hawn annessa u mmarkata Dokument "E" u *prima facie* deher car lill-Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravjenu dritt ta' propjeta` intelletwali, bhalma jirrizulta mill' hawn annessa ittra immarkata bhala Dokument "D";

Illi s-socjeta` attrici giet infurmata b'din is-sejba u wara li ezaminat wiehed minn dwn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontrafatti (*counterfeit)* u li ghalhekk jikkontravjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intelletwali, appartenenti lis-socjeta` attrici, bhalma gie hawn ipprezentat dokument relatat mir-rapprezentan taghhom lokali, immarkat bhal Dokument "C";

Illi l-azzjonijiet tal-konvenuta jiksru d-disposizzjonijiet ta' **artikolu 4 tal-Kap 414** hawn fuq imsemmi kif ukoll tal-**artikolu 10 (1)** u **2(b) tal-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap 416)** u japplikaw ghall-kaz id-dispozizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 14** sa **19 tal-Kap 416, 2** u **8 (1) tal-istess Kap 414** u **76A (1) tal-Att XXII tas-sena 2055 dwar Azzjonijiet Gudizzjarji (Mizuri Varji)**;

Illi sussegwentement is-socjeta` attrici nghatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana u gie lis-socjeta' attrici prefiss terminu, mill-istess Kontrollur tad-Dwana sabiex tinghatalu l-prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-konfront tad-ditta konvenuta li jwasslu ghal decizjoni sostantivi dwar il-merti tal-kaz.

Illi l-espenent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'mija u sitt (106) kaxxa b'mitejn u tmienja u tmenin (288) oggett ta' kosmetika kull kaxxa, total ta' tletin elf hames mija u tmienja u ghoxrin (30,528) bil-kelma J'ADORE u li dawn l-istess oggetti msemmija jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* IRSU 2560747, kontenenti *inter alia* l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tas-socjeta` attrici fir-rigward tat-*trademarks* taghha registrati f'Malta, bin-numru tar-registrazzjoni 29989, konsistenti f' kelma J'ADORE;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-kunsenja inkwistjoni ta' kosmetici permezz tal-kontainer IRSU 2560747 da parti tas-socjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda, wara l-applikazzjoni bil-miktuba li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjeni d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici inkwantu li ma humiex prodotti genwini jew originali skont **artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii)** u **(b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)** u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-istess **artikolu 4** tal-istess **Kap 414** u dan fil-konfront tat-*trademarks* fuq imsemmija tas-socjeta` attrici;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi mit-tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipperkludi xi hsara lis-socjeta` attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti in kwistjoni, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenut u dan ghas-spejjez tal-konvenut, inkluz dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti, tal-hazna qabel id-destruzzjoni

eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni u tad-distruzzjoni stess skont **artikolu 8 tal-Kap 414;**

4. Tiehu kull mizura u/jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu kull mizura ohra dwar l-oggetti in kwistjoni li jkollhom l-effett li effettivament iccahdu lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici taghha;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skont it-termini tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Industrijali (Mizuri Intrakonfini) – **Kap 414 tal-Ligijiet ta'0 Malta** u/jew skont it-terminu tar-Regplamenti tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez kontra d-ditta konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda (fol.4 u 5) u d-dokumenti esebiti kif jidhru a fol. 6 sa fol. 16 tal-process.

Rat id-digriet datat 25 ta' Settembru 2008 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita' intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-20 ta' Jannar 2009, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 25 ta' Novembru 2008 (fol. 35) fejn ecceppew:-

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jirriservaw risposta motivata fi stadju ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-istess kuraturi deputati a fol. 35 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti tal-20 ta' Jannar 2009 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Mark Busuttil bhala kuratur li nforma l-Qorti li minkejja t-tentattivi tieghu ma rnexxilux jikkomunika mal-entita` konvenuta u Dr. Melvyn Mifsud li ddikjara illi m'ghandux provi iktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Frar 2009.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi jirrizulta li fuq il-vapur IRAN ARDEBIL li kien wasal Malta fil-11 ta' Lulju 2008 il-*container* IRSU 2560747, li fis-16 ta' Lulju 2008 il-Kontrollur tad-Dwana taht l-Awtorita' (Dok. "D") li ghandu skont il-ligi kien issospenda r-rilaxx tieghu, u dan peress li fih instabu diversi prodotti, konsistenti *inter alia* f'mija u sitt (106) kaxxa b'mitejn tmienja u tmenin (288) oggett ta' kosmetika kull kaxxa – total ta' tletin elf hames mija u tmienja u ghoxrin (30,528) li fihom il-kelma J'ADORE, liema prodotti waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana in transit ghar-rilaxx eventwali favur - *consignee/*importatrici ndikata fuq l-istess *Bill of Lading*, bhala AL ROWAD SHIPPING AGENCY kopja tal-istess *Bill of Lading* hawn annessa u mmarkata Dokument "E" u dan ghaliex *prima facie* deher li l-istess oggetti kienu kontrafatti u kienu jikkontravjenu dritt ta' uzu ta' markji u propjeta` intellettwali tas-socjeta' attrici (Dok. "B"). Fil-fatt dan jinsab kollu kkonfermat mill-affidavit ta' l-ufficjal tad-Dwana George Agius datat 18 ta' Ottubru 2008 (Dok. "F" – fol. 29) u jirrizulta wkoll li fil-fatt l-istess oggetti kienu kontrafatti (Dok. "C") u ghalhekk l-allegazzjonijiet attrici jirrizultaw li gew ippruvati u fil-fatt ma huma bl-ebda mod kontradetti u allura salv li din il-Qorti tastjeni milli tiehu

konjizzjoni tar-raba' u hames talba attrici ghaliex ma hemmx bzonn taghhom, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkonsisenti ma' dak hawn deciz, u **fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' u l-hames talba attrici ghaliex ma hemmx bzonn taghhom, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'mija u sitt (106) kaxxa b'mitejn u tmienja u tmenin (288) oggett ta' kosmetika kull kaxxa, total ta' tletin elf hames mija u tmienja u ghoxrin (30,528) bil-kelma J'ADORE u li dawn l-istess oggetti msemmija jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* IRSU 2560747, kontenenti *inter alia* l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici fir-rigward tat-*trademarks* taghha registrati f'Malta, bin-numru tar-registrazzjoni 29989, konsistenti f' kelma J'ADORE;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-kunsenja inkwistjoni ta' kosmetici permezz tal-*container* IRSU 2560747 da parti tas-socjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda, wara l-applikazzjoni bil-miktuba li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici inkwantu li ma humiex prodotti genwini jew originali skont **artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii)** u **(b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)** u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-istess **artikolu 4** tal-istess **Kap 414** u dan fil-konfront tat-*trademarks* fuq imsemmija tas-socjeta` attrici;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din

is-sentenza li jiddistruggi dawk l-oggetti in kwistjoni, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenut u dan ghas-spejjez tal-konvenut, inkluz dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti, tal-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni u tad-distruzzjoni stess skont **artikolu 8 tal-Kap 414;**

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba attrici ghaliex ma hemmx bzonn taghha;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba attrici ghaliex ma hemmx bzonn taghha;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta'/entita' konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------